MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2014

Numru. 16/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Francois Saliba**

Numru 16/2014

Illum 21 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Francois Saliba**, ta' tnejn u tletin (32) sena, iben Paul u Lucy neé Saliba, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar id-29 ta' Ottubru 1981,

residenti Golden Dream, Triq il-Bies, Kercem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 27181(G), li gie akkuzat talli nhar id-9 ta' Novembru 2013 gewwa r-Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer hekk ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija (22.00hrs):

1. sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu minn *road licence* bin-numru tar-registrazzjoni LRB 055 fuq vettura bil-mutur tal-ghamla BMW;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq fi triq pubblika vettura bil-mutur tal-ghamla BMW minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni ghal riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna ukoll l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal zmien sena.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C" – *a fol.* 14).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tat-2 ta' April 2014, cioé dakinhar li sar l-ezami tal-imputat, lill-imputat jammetti t-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi bil-fomm, ghajr ghall-provi dokumentarji.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta t-tieni ((2) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak li semghet f'dawn il-proceduri u dak li nghad fid-decizjoni moghtija fit-23 ta' Marzu 2007 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Elton George Spiteri**. Wara li dan kollu ttiehed in konsiderazzjoni, il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnha.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali (Dok. "B" – *a fol.* 8 *et seq.*) tieghu.

Illi d-difiza talbet lill-Qorti sabiex, fil-kaz tal-iskwalifika tal-imputat ghal-licenzji kollha tieghu tas-sewqan, il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni dak li jipprovdi Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-Artikolu msemmi jghid: *"ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor"*. Id-difiza kwotat diversi sentenzi, fosthom dik moghtija fl-4 ta' Marzu 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Tanti**. Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taderixxi mat-talba tad-difiza u dana tenut kont li gie pruvat x'inhu l-impieg tal-imputat (*Vide* Dok. "KG 6" ezebiet fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2014).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Francois Saliba hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' elfejn u erba' mitt Euro (€ 2400.00). Dwar is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat, din il-Qorti mhiex ser tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' Francois Saliba minhabba l-fatti ta' dan il-kaz li din il-Qorti

tikkunsidra bhala ragunijiet specjali tenut kont tal-professjoni tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------